**30 ta' Ottubru, 1989**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Albert Sammut

**Kostituzzjoni - Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem - Proċeduri Kriminali - Smigħ Xieraq - Assistenza Legali - Akkużat - Avukat**

*Kawża fuq ordni ta' riferenza mill-Qorti tal-maġistrati billi l-akkużat kien allega fil-proċeduri li kien ġie ppivat fil-kors tal-kawża mill-assistenza ta' avukat. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat li ma kienx hemm ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' l-akkużat. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*L-akkużat kien tressaq quddiem il-Qorti tal-maġistrati u kien instema' xhud mingħajr ma dan kien assistit minn avukat. In-nuqqas ta' tali assistenza ma twassalx għall- jolazzjoni tad-dritt ta' l-akkużat għal smigħ xieraq billi l-Qorti kienet tagħtu l-opportunità li jqabbad avukat u kien hu li għażel li ma jagħmilx hekk.*

Il-Qorti: –

Rat id-digriet datat 13 ta' Marzu, 1989, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti Istruttorja fejn permezz tiegħu, wara li saret riferenza għall-verbal tal-partijiet li jġib l-istess data u wara li rat l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u wara li l-istess Qorti Istruttorja rrilevat "li b'dan il-verbal qamet kwistjoni dwar il-ksur tad-disposizzjonijiet imsemmija fl-istess verbal u għalhekk din il-Qorti tibgħat din il-kwistjoni, peress li jidhrilha li din il-kwistjoni mhix frivola jew vessatorja, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex hemmhekk tiġi deċiża skond il-każ";

Rat l-imsemmi verbal ukoll datat 13 ta' Marzu, 1989 (a fol. 32 tal-proċess) fejn *inter alia* d-difensur ta' l-imsemmi Albert Sammut irrileva li ġej: "li nhar is-Sibt 8 ta' Ottubru, 1988, l-imputat ġie avżat mill-Pulizija tad-Distrett tar-Raħal il-Ġdid li l-għada filgħodu, il-Ħadd, 9 ta' Ottubru, 1988 ried ikellmu l-Ispettur Emanuel Cassar fl-għassa tal-Pulizija. L-għada l-Ħadd l-imputat mar l-Għassa tal-Pulizija għall-ħabta tad-9.00 a.m., fejn ġie nterrogat mill-Ispettur għal madwar siegħa u nofs, u hu baqa' jsostni l-innoċenza tiegħu;

"*Għall-ħabta ta' l-10.30 a.m.*, *hu ġie infurmat li kien ser* jitressaq quddiem il-Qorti u fil-fatt hu tressaq mill-Ispettur Cassar għall-ħabta tal-11.00 a.m., u dak il-ħin xehdet fuq rikors appositu persuna ta' nazzjonalità Norveġiża John Norli, li telqet mill-Gżejjer Maltin dakinhar stess;

"Illi meta l-imputat talab lill-Ispettur ġo l-Għassa tal-Pulizija qabel ittieħed id-Depot, biex ikollu l-assistenza ta' avukat kien wieġbu '*il-kawża ma ħiex ser tinqata' llum*' b'konsegwenza li l-imputat ma kienx assistit minn avukat skond l-għażla tiegħu fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu fil-mument rilevanti (ara para. 2 tar-rikors a fol. 1);

"Il-premess jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali ta' l-imputat għall-protezzjoni tal-liġi in kwantu hu ma kellux l-opportunità li jiddefendi ruħu permezz ta' rappreżentant legali u jagħmel kontro-eżami kif għandu jkun, permezz ta' avukat, lix-xhud ewlieni msejjaħ mill-Prosekuzzjoni u dan bi ksur ta' l-art. 39(6)(ċ) u (d) tal-Kostituzzjoni;

In risposta għas-suespost, l-Uffiċjal Prosekutur irrileva,

"li l-imputat fl-ebda ħin ma ttieħed id-Depot iżda ġie mitlub jiġi l-Għassa tar-Raħal il-Ġdid filgħodu fid-9.00 a.m., peress li l-identità tiegħu ġiet stabbilita l-ġurnata ta' qabel, tard filgħaxija, l-għassa ġie interrogat verbalment għal ftit ħin u ġie kkonfrontat max-xhud John Norli;

"Wara dan il-konfront jiena (i.e. l-Uffiċjal Prosekutur) infurmajt lill-imputat li kont ser inressqu l-Qorti peress li dan Norli kien ser isiefer dakinhar stess";

"Fl-ebda ħin waqt li konna l-għassa l-imputat ma staqsa għall-assistenza legali. Il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Maġistrat tal-Għassa, fejn il-kawża ġiet appuntata għall-11.00 a.m. Il-kawża nstemgħet dak il-ħin";

Illi aktar 'l isfel fl-istess verbal tniżżel is-segwenti: –

"Dr. Azzopardi jirrileva li wara li kkonsulta ma' l-imputat huwa minnu li l-imputat ma ttieħidx id-Depot. Qal hekk, fil-verbal minħabba malintiż li kellu ma' l-imputat";

Rat ukoll il-verbal tas-16 ta' April, 1989, quddiem dik il-Qorti illi fih Dottor Vincent Degaetano għall-Pulizija rrileva:

"li l-lanjanza ta' l-akkużat Albert Sammut hi bbażata fuq paragrafu (ċ) u (d) tas-subartikolu 6 ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni" u ssottometta wkoll "in vista tal-fatt li l-istess akkużat fil-bidu ta' l-Istruttorja kien ġie infurmat, skond l-artikolu 390 u 392 tal-Kodiċi Kriminali, li hu kellu dritt, jekk irid 'iqabbad Avukat u Prokuraturi Legali biex jgħinuh" iżda dan baqa' ma għamel ebda talba fil-Qorti u lill-Qorti biex ikollu avukat tiegħu, jew avukat magħżul mill-Qorti a spejjeż pubbliċi, il-lanjanza taħt il-paragrafu ċ hi manifestament infondata; illi kif jidher mill-verbal a fol. 6 tal-proċess, wara li xehed John Norli, il-Qorti tat l-opportunità lill-akkużat li jeżamina personalment lix-xhud, iżda dan għażel li ma jagħmel ebda mistoqsijiet kif jirriżulta verbalizzat a fol. 6, u għalhekk anke l-lanjanza taħt paragrafu d hi infondata";

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Mejju, 1989, li biha ddeċidiet billi ddikjarat li ma kien hemm ebda vjolazzjoni bi ksur ta' l-art. 39(6)(ċ) u (d) tal-

Kostituzzjoni f'dawn il-proċeduri u bagħtet għalhekk l-atti kollha relattivi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti Istruttorja għall-prosegwiment tal-proċediment skond il-liġi, b'dan li kull spejjeż relattivi għal dik l-istanza jkunu a kariku ta' l-imsemmi Albert Sammut u dana wara li kkunsidrat illi:

Il-każ ġie rriferit lil din il-Qorti kif ġà ngħad billi l-imsemmi Albert Sammut issolleva lanjanza konsistenti f'allegat ksur ta' dritt tiegħu mogħti lilu mill-kostituzzjoni nostrali fl-artikolu 39, sub-artikolu 6, paragrafi ċ u d li jgħidu li ġej:

39(6)(ċ) "Kull min ikun akkużat b'reat kriminali – għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;

(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas ta' l-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-Qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni";

Illi mill-atti tal-proċeduri – issir riferenza għall-verbal datat 9 ta' Ottubru, 1988 (a fol. 4) b'riferenza għall-Qorti Istruttorja – insibu mniżżel hekk:

"Il-Qorti wara li fissret lill-imputat hawn fuq imsemmi,

x'inhi l-akkuża miġjuba kontra tiegħu, wara li wissiet lill-istess li huwa ma hu obbligat iwieġeb għall-ebda mistoqsija lanqas li jixħet il-ħtija fuqu nnifsu, **li jista' jekk irid, iqabbad Avukati u Prokuraturi Legali biex igħinuh** ....." (sottolinear tal-Qorti);

Inoltre ma jidher minn imkien li l-imputat talab lill-Qorti għal tali assistenza. Effettivament, fis-sottomissjonijiet orali ta' l-abili difensur ta' Albert Sammut, Dottor Azzopardi ssottometta li l-allegata vjolazzjoni ma kinetx konsegwenza ta' xi ommissjoni da parti tal-Qorti Istruttorja imma ta' l-Uffiċjal Prosekutur. Għandu fil-fatt jirriżulta mix-xiehda mogħtija li f'xi ħin **qabel** ma l-akkużat ġie imqiegħed taħt akkuża quddiem il-Qorti Istruttorja u meta allura kien għadu taħt arrest f'idejn l-Ispettur Cassar, l-imputat staqsa lil dan l-ispettur sabiex ikun assistit minn avukat. Dwar dan il-punt, Sammut xehed hekk (ara deposizzjoni tas-6 ta' April, 1989 a fol. 42 tal-proċess):

"Waqt li konna l-Għassa jiena lill-Ispettur għidtlu li jiena ridt li jkolli avukat, però l-Ispettur hemmhekk fl-Għassa ma weġibni xejn. Għabbiena fil-karozza, lili u lil Norli, u fil-fatt deherna fil-Qorti tal-Maġistrati. Il-bieb kien magħluq peress li kien jum il-Ħadd;

"Jiena dak il-ħin erġajt għidt lill-Ispettur Cassar li jiena ridt Avukat, u l-Ispettur irrispondieni illi din – jiġifieri l-kawża li kienet ser tibda llum, ma kinetx ser tinqata' llum";

Min-naħa tiegħu, l-Ispettur Cassar xehed hekk (ara fol. 49 – 50);

"Sakemm domna l-Għassa ta' Raħal il-Ġdid, f'ebda ħin

ma Sammut semma li ried xi avukat jassistih, u lanqas ma ġie xi subaltern tiegħi jinfurmani li dan Sammut xtaq li jiġi assistit minn Avukat;

"Jiena ressaqtu l-Qorti u qrajtlu l-Att ta' l-akkuża. Niftakar li meta dħalna l-Qorti, qabel ma ressaqtu, *ftit minuti* qabel, Sammut kien staqsieni biex jagħmel telefonata, u d-diskors tiegħu kien bejn wieħed u ieħor li jew ried iċempel avukat jew inkella "kif ser nagħmael għal avukat?". Jiena weġibtu li l-kawża ma kinetx ser tinqata' dakinhar u ma kellhiex ħin biżżejjed biex nieħdu *x'imkien biex iċempel, peress* li l-Maġistrat diġà kien qiegħed fis-sigrieta tiegħu";

Skond id-difensur ta' Sammut kien obbligu ta' l-Uffiċjal Prosekutur in rappreżentanza ta' l-Eżekuttiv, wieħed mill-organi *ta'* l-Istat, li jipprokura avukat lill-akkużat jew ta' lanqas jipprovdilu l-faċilità li Sammut kien jikkomunika ma' *tali* persuna;

Issa, filwaqt li huwa minnu li kien ikun aktar korrett l-Ispettur in kwistjoni li, una volta rinfaċċat bid-domanda ta' Sammut għal rappreżentanza legali, jara kif dan Sammut seta' jew jitħalla jikkomunika direttament ma' avukat jew inkella jirreferi lil Sammut bil-kweżit tiegħu biex itenni dak li ried quddiem il-Qorti Istruttorja. B'danakollu però din il-Qorti ma jidhirilhiex li l-Ispettur kien f'obbligu legali li jagħmel dan għar-raġuni li sa dak il-ħin teknikament Sammut ma kienx għadu akkużat b'reat kriminali imma biss taħt arrest. Barra minn dan però wieħed bilfors jirrileva li f'dan il-każ il-Maġistrat sedenti formalment u espressament informa lill-akkużat bid-dritt li huwa għandu li jkollu assistenza legali u hawn jidher li l-akkużat **ma wieġeb xejn.** Għandu hawnhekk jingħad li fis-sistema

proċedurali nostrali f'materja ta' proċeduri kriminali akkużat jista' jiddefendi *ruħu personalment u allura ma kienx il-każ li* l-Qorti neċessarjament tinnomina avukat difensur sabiex jassisti lill-akkużat meta dan ma jitlobhiex;

Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali, l-avukat ta' Sammut ried jallarga d-dimensjoni legali tal-kwistjoni billi jirreferi wkoll għall-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ġustament però osserva l-avukat tal-kontroparti li l-każ ġie rriferit lil dina l-Qorti in kwantu ġie ssollevat punt ta' dritt kostituzzjonali u kwindi ma jistax imur oltre;

Illi, minn barra s-suespost, il-Qorti wkoll osservat li meta d-difensur ta' Sammut ried jattakka l-aġir ta' l-Uffiċjal Prosekutur u mhux ta' dak illi sar mill-Qorti Istruttorja, il-kwistjoni kif verbalizzata oriġinarjament u l-argomenti in sostenn relattivi għaliha ġew spostati kemmxejn. *Una volta* li l-Qorti nfurmat lill-akkużat li seta' jkun assistit minn bniedem legali, avukat jew prokuratur legali kif ingħad fil-preċitat verbal, għamel l-Uffiċjal Prosekutur **qabel** ma' l-akkużat tqiegħed taħt att ta' akkuża ma jsegwix li allura l-imputat "ma kienx assistit minn avukat skond l-għażla tiegħu fil-proċeduri kiriminali kontra tiegħu". Inqas u inqas sa jsegwi li b'riżultat ta' kif żvolġew il-fatti tenut kont ukoll li l-proċeduri *de quo* għandhom fil-fażi *istruttorja li allura l-akkużat* "ma kellux l-opportunità li jiddefendi ruħu permezz ta' rappreżentant legali u jagħmel kontro-eżami kif għandu jkun, permezz ta' avukat, lix-xhud ewlieni msejjaħ mill-Prosekuzzjoni u dan bi ksur ta' l-art. 39(6)(ċ) u (d) tal-Kostituzzjoni" kif invece ssottometta d-difensur ta' Sammut. U, fir-rigward, din il-Qorti lanqas tifhem kif il-Qorti Istruttorja, għalkemm il-punt kien tassew ta' indole kostituzzjonali, ma kkunsidrata "frivola jew vessatorja" meta

hija stess kellha dawn il-fatti quddiemha u meta hija stess fissret lill-imputat x'kienu d-drittijiet legali tiegħu;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Albert Sammut ippreżentat fit-23 ta' Mejju, 1989, li bih għar-raġunijiet hemm esposti talab li dil-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-appell tiegħu u takkolji l-lanjanza ssollevata minnu;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Spettur Emmanuel Cassar *(sic)* għar-rikors ta' l-appell, ippreżentata fil-31 ta' Mejju, 1989;

Rat l-atti l-oħra rrilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-appellant fir-rikors tiegħu ta' l-appell qiegħed jissottometti li l-Ispettur tal-Pulizija kellu l-obbligu legali li jissodisfa t-talba magħmula lilu mill-appellant għax kien qiegħed jirrappreżenta l-Istat f'dan il-proċediment u kellu l-obbligu li jiżgura l-osservanza tal-Kostituzzjoni. Skond l-appellant ir-raġuni mogħtija mill-ewwel Qorti sa dak il-ħin teknikament l-appellant ma kienx għadu akkużat b'reat kriminali imma biss taħt arrest ma hiex għal kollox korretta billi l-Ispettur kien informa lill-appellant li kien ser iressqu u m'hemmx dubbju li f'dawn iċ-ċirkostanzi xejn ma kien jiskużah bħala uffiċjal prosekutur milli jipprovdi l-assistenza legali mitluba mill-appellant konformement mad-drittijeit fundamentali tiegħu. L-appellant żied jgħid ukoll bħala aggravju li peress li l-Konvenzjoni Ewropeja hija issa parti integrali mil-liġi domestika ta' pajjiżna, imissha ġiet applikata awtomatikament;

Ikkunsidrat:

Skond il-verbal tat-13 ta' Marzu, 1989 (fol. 33) l-appellant qiegħed jibbaża l-pretensjoni tiegħu li kien hemm ksur tad-drittijiet tiegħu fundamentali (inkwantu li ma kellux l-opportunità li jiddefendi ruħu permezz ta' rappreżentant legali u jagħmel kontro-eżami kif għandu jkun permezz ta' avukat lix-xhud ewlieni msejjaħ mill-Prosekuzzjoni) fuq l-art. 39(b)(ċ)(d) li jiddisponi illi: "Kull min ikun akkużat b'reat kriminali – .....(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali.....(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-Prosekuzzjoni.....". L-għażla ta' kif jiddefendi ruħu u ta' kif jeżamina x-xhieda msejħa mill-Prosekuzzjoni hija mogħtija lill-akkużat li jista' jagħżel li jagħmel hekk personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu;

Issa minn eżami tal-proċess jidher abbondantement ċar li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-appellant kien ġie mogħti din il-għażla. Infatti jidher mid-dokument a fol. 4 tal-proċess li meta ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-appellant kien ġie avżat, fost ħwejjeġ oħra, li jista', jekk irid, iqabbad Avukat u Prokuratur Legali biex jgħinuh. Dik il-Qorti għalhekk avżatu bid-dritt tiegħu li jkollu rappreżentanza legali u jekk huwa ma kellux rappreżentanza legali, *"imputet sibi"*. Kieku huwa ried iqabbad rappreżentant legali, il-Qorti qaltlu espressament li dan seta' jagħmlu. Jekk ma qabbadx rappreżentant legali, dan ifisser li hu għażel li jiddefendi ruħu personalment. Ma jistax għalhekk jingħad f'dawn iċ-ċirkostanzi li huwa ma kienx qed jitħalla jiddefendi ruħu b'rappreżentant legali u li għalhekk kien hemm vjolazzjoni ta' l-art. 39(6)(ċ) tal-Kostituzzjoni;

L-appellant qiegħed jallega fid-deposizzjoni tiegħu (fol. 42) li waqt li kien l-Għassa, lill-Ispettur qallu li hu ried li jkellu Avukat u li l-Ispettur hemmhekk fl-għassa ma kien wiegħbu xejn. Din l-allegazzjoni tiegħu hija miċħuda kategorikament mill-Ispettur (fol. 49) kif ukoll minn P.S. Alfred Scicluna (fol. 52) li kien preżenti u għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-appellant ma rnexxilux jipprova l-imsemmija allegazzjoni tiegħu;

L-appellant qiegħed ukoll jallega li meta waslu l-Qorti (fejn huwa kien se jiġi ppreżentat) huwa dak il-ħin reġa' qal lill-Ispettur li ried l-Avukat u l-Ispettur irrispondieh li l-kawża, li kienet se tibda, ma kinetx se tinqata' dak in-nhar. F'dan ir-rigward l-imsemmi Spettur xehed (fol. 42) li jiftakar li meta daħlu l-Qorti, qabel ma ressaq lill-appellant quddiem il-Maġistrat, ftit minuti qabel, l-appellant kien saqsih biex jagħmel telefonata, u, ikompli jgħid ix-xhud, "id-diksors tiegħu kien bejn wieħed u ieħor li jew ried iċempel avukat jew inkella 'kif se nagħmel għal avukat?' Jiena weġibtu li l-kawża ma kinetx se tinqata' dak in-nhar u ma kellix ħin biżżejjed biex nieħdu x'imkien biex iċempel peress li l-Maġistrat diġà kien qiegħed fis-sigrieta tiegħu";

Jirriżulta għalhekk li hu ammess li fil-bini tal-Qorti qabel ma nbdiet il-kawża, l-appellant kien talab l-assistenza legali u l-ebda passi ma ttieħdu fuq it-talba tiegħu. Il-Qorti però ma tarax li dan in-nuqqas jista' jaffettwa l-eżitu tal-kwistjoni nkwawntu bbażata fuq l-art. 39(6)(ċ) tal-Kostituzzjoni, billi stante l-avviż li tagħtu l-Qorti tal-Maġistrati li jista' jqabbad Avukat jew Prokuratur Legali, l-appellant ma jistax jippretendi li ma tħalliex jiddefendi ruħu permezz ta' rappreżentanza legali. Għalkemm kien hemm nuqqas qabel il-preżentata tiegħu quddiem il-Qorti, l-istess appellant kien jaf li seta' kellu rappreżentanza legali qabel ma nbdiet il-kawża;

Il-Qorti tara li għandha tosserva li l-appellant kien ġie pprezentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fid-9 ta' Ottubru, 1988, meta sarlu l-avviż fuq imsemmi mill-istess Qorti. Wara dak in-nhar il-kawża ġiet iddifferita diversi drabi meta l-appellant kompla jidher mingħajr rappreżentanza legali u kien biss fit-13 ta' Frar, 1989 (fol. 31), wara aktar minn erba' xhur mill-preżentata, li jidher li kien qabbad Avukat biex jiddifendih. L-appellant f'dan il-perijodu kollu ma kellux avukat – ċirkostanza dina li tkompli turi li meta ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u ġie avżat li seta' kellu rappreżentanza legali, huwa kien għażel li dak in-nhar ma jkollux rappreżentanza legali. Kien biss wara perijodu twil li qabbad avukat biex jiddifendih. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tarax li jista' jallega li kien hemm xi vjolazzjoni ta' l-art. 39(6)(ċ);

Inkwantu mbagħad li l-appellant qiegħed jibbaża l-pretensjoni tiegħu li kien hemm ksur tad-drittijiet tiegħu fundamentali fuq l-art. 39(6)(d), anke hawn il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ma għandux raġun. Il-Kostituzzjoni f'dan l-artikolu 39(6)(ċ) trid li l-akkużat jiġi mogħti formalitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Billi ngħad, huwa ma qalx, meta ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ried rappreżentanza legali meta ġie avżat li seta' kellu din ir-rappreżentanza u għalhekk wieħed kellu jifhem li kien qed jiddefendi ruħu personalment, kien wisq naturali għal dik il-Qorti meta xehed ix-xhud Norli (li evidentement huwa x-xhud ewlieni tal-Pulizija) li ssaqsi, kif fil-fatt saqsiet (ara verbal tad-9 ta' Ottubru, 1988 – fol. 6) lill-akkużat (l-appellant) jekk għandux domandi x'jagħmel lix-xhud billi hu kien qed jiddefendi ruħu personalment u għalhekk il-faċilità li jeżamina x-xhieda kollha tingħata, ingħatat, lilu personalment. Il-Qorti għalhekk ma tarax li kien

hemm xi vjolazzjoni ta' l-art. 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni;

*Fl-aħħarnett kwantu għall-aggravju ta' l-appellant li billi* l-Konvenzjoni Ewropeja issa saret parti mil-liġi domestika, allura jmissha ġiet applikata awtomatikament, jiġi osservat li l-artikoli tal-Konvenzjoni Ewropeja korrispondenti għall-imsemmija art. 39(6)(ċ) u l-art. 39(ċ)(d) huma l-art. 6(3)(ċ) u l-art. 6(3)(d) rispettivament. Dawn *l-artikoli*, fil-parti *rilevanti għall-każ* odjern, huma l-istess bħal dawk tal-Kostituzzjoni u kwindi r-raġunijiet fuq imsemmija li wasslu lill-Qorti biex tirritjeni li l-pretensjonijiet ta' l-appellant ibbażati fuq il-Kostituzzjoni huma infondati japplikwa *mutatis mutandis* għad-disposizzjonijiet fuq imsemmija korrispetti *tal-Konvenzjoni Ewropeja*;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u għall-finijiet tal-liġi tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-appellant.